### *3.6* Is-Sagramenti tal-fejqan

Fil-ħajja jkollna mumenti sbieħ u dawk inqas sbieħ bħal żmien ta' mard jew problemi. Xi drabi wkoll ikollna mumenti meta nonqsu mill-imħabba lejn l-oħrajn jew jinbtu konflitti bejnietna li jkissru r-relazzjonijiet ta' ħbiberija u paċi.

Dawn huma mumenti meta aħna neħtieġu fejqan. Is-Sagrament tal-Qrar iġedded fina l-qawwa tar- rikonċiljazzjoni ma' Alla u ma' ħutna l-bnedmin u għalhekk ifejjaq il-konflitti ta' bejnietna. Is-Sagrament tal-Griżma tal-morda jew id-dilka tal-aħħar isaħħaħna bil- qawwa taż-żejt li hu simbolu ta' qawwa fir-ruħ u fil-ġisem għal min speċjalment ikun dgħajjef f'saħħtu.